**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA’ LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLIETA U GĦOXRIN 19 ta’ Mejju, 2021**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta’ filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, u l-Kunsillieri s-Sinjura Marisa D’Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D’Amato, is-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **23.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA’ APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 23.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta’appolġija x’jinqraw. |
| | | |
| **23.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 23.2.1 | | Il-Kunsillier Joseph DÁmato staqsa fuq l-art ta’madwar it-Torri. Is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu informazzjoni li l-parti ta’ mat-torri eżatt, hi tal-Gvern u ser titnaddaf minn Clean Malta, wara talba li għamlet hi lid-Direttur Generali u l-kumplament tal-art hi tal-privat. Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li hi ukoll kienet infurmat lill-Kunsill b’dan. Is-Sindku kkonfermat dan. |
| | | |
| 23.2.2 | | Ġew approvati l-minuti tat-tnejn u għoxrin seduta. |
| | | |
| ***23.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| ***23.3.2*** | | ***Laqgħa annwali tal-ewwel kwart tas-sena*** |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 23.3.2.1 | | Is-Sindku qrat ir-rapport annwali amministrattiv li tħejja minnha u mis-Segretarju Eżekuttiv. Dok 1 mehmuż. Għalkemm inġieb l-avviż għal din il-laqgħa annwali fuq fb, fejn il-pubbliku kien mistieden li jattendi, ħadd ma attenda. |
| | | |
| 23 .3.2 | | Is-Sindku nfurmat li kellha laqgħa ma' rappreżentanti tal-armar tal-festi miż-żewġ soċjetajiet tar-raħal fir-rigward ta' disinji dekorattivi fi Triq P P Saydon għal-żmien il-Milied. L-istima li għamlu bejniethom kienet ta' 9,400Euro għal 5 ornamenti, li jinkludi d-disinn, dawl u armar. Kull soċjeta aċċettat li tieħu 4,700Euro kull wieħed u x-xogħol jagħmluh flimkien. Kien hemm qbil unanimu fuq dan u li x-xogħol għandu jibda ħalli jkun lest sal-Milied li ġej. |
| | | |
| 23.3.4 | | Is-Sindku qalet li flimkien mal-Kunsillier Kenneth Farrugia kellha laqgħa mas-Sur Ramon Deguara – Direttur Ġenerali ta' Clean Malta, fejn kien hemm qbil li jsir aktar tindif fiż-Żurrieq. Ser ikun hawn tindif ta' toroq fil-kampanja, tindif ta' spralli u aktar iffumukar. Is-Sindku qalet li l-Kunsill dejjem sab għajnuna kbira mingħand is-Sur Deguara u ta' dan hi grata ħafna. |
| | | |
| 23.3.5 | | F'dan il-ħin daħal għas-seduta l-Kunsillier Kaydem Schembri ( 18.20) |
| | | |
| 23.3.6 | | Għall-okkażjoni ta' Jum iż-Żurrieq, minħabba l-pandemija u restrizzjonijiet li hawn bħalissa, kien hemm qbil li ssir quddiesa u li titpoġġa kuruna quddiem il-monument tal-gwerra. Għal din l-okkażjoni jiġu mistiedna l-għaqdiet. Ikun hemm kor u jitkantaw l-innijiet taż-Żurrieq u ta' Malta. |
| | | |
| ***23.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 23.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li miet l-ex Sindku ta' Morphou. Is-Sindku infurmat li bagħtet il-kondoljanzi f'isem il-Kunsill kollu. |
| | | |
| 23.4.2 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal:<br>• bħalissa qed ikun hawn ħafna skart barra, speċjalment fejn hemm blokok ta' flats. Hu ssuġġerixxa li jerġgħu jsiru l-iskips madwar iż-Żurrieq. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Ġnien il-Bennej jeħtieġ li jsiru bins kemm iddaħħal flixkun u mhux boroż ta' skart kbar.<br>• Fi Ġnien tal-Bebbux ikun hemm ħafna ħmieġ tal-annimali. Jeħtieġ li l-Kunsill jibda jaħsel il-ġnien.<br><br>Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li jista jitkellem mal-Clean Malta għax bħalissa qed isib ħafna koperazzjoni minnhom. |
| | | |
| 23.4.3 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia qalet li jeħtieġ li bil-fondi tal-Developments Funds, il-Kunsill jibda jagħmel wiċċ ġdid fl-isqaqin u affarijiet infrastrutturali bħal mhu qed jagħmlu irħula oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fis-seduti tal-Kunsill |

| | | |
|---|---|---|
| | | preċedenti kien hemm qbil li l-fondi tal-PA jintużaw għar-restawr tal-Mitħna tax-Xarolla u l-madwar.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fiż-Żurrieq hawn l-isqaqin kollha paved u irħula oħra qed jagħmluhom issa għax qatt ma saru qabel.<br><br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia talbet lis-Segretarju Eżekuttiv kemm kien l-ammont li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra ħalla mhux minfuqa wara li spiċċa, biex biehom ikun jista jsir proġett f'Bubaqra. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ser tiċċekja l-ammont eżatt.<br><br>F'dan il-punt is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li ftit jiem ilu ħarġet applikazzjoni BM-150 mill-Maintenance and upkeep Department tal-Ministeru għall-Ambjent. Tali applikazzjoni damet miftuħa ġimgħa biss u kienet miftuħa biex il-Kunsilli jissottomettu disinn ta' tisbieħ bil-ħdur fil-pjazzez. Ġie kkuntatjat il-perit tal-Kunsill u ssuġġerixxa li l-Kunsill jitfa l-proġett li kellu jsir f'Misraħ Repubblika u li kien hemm qbil fuqu mill-Kunsill. Is-Sindku ssuġġeriet lill-Perit biex tħejji proġett għall-Misraħ ta' Santa Marija, Misraħ il-Karmelitani u Misraħ San Ġorg. Kien short notice wisq. Il-perit laħqet għamlet disinn ieħor għall-Misraħ Santa Maria u intbagħat ukoll fl-aħħar ġurnata. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ammont ta' fondi x'jistgħu jintefqu, għalhekk intbagħtu t-tnejn. Applikazzjonijiet jinsabu **mehmuża Dok 2** |
| | | |
| 23.4.4 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill għandu jara li l-bankini li qed jitkissru mill-kuntratturi ta' dawk li qed jibnu, jerġgħu jissewew. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi, meta l-kuntratturi jitolbu r-release tal-fondi tal-assugurazzjoni tal-PA, hi tmur tara xi ħsara tkun saret u qabel ma jsewwu, ma tagħtix ir-release tal-garanzija. Bħalissa fiż-Żurrieq hemm żewġ każijiet pendenti.<br><br>F'dan il-ħin daħal għas-seduta l-Kunsillier Kyle Mifsud ( 18:45) |
| | | |
| 23.4.5 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li<br>• beda x-xogħol fuq il-cat cafe, wara ħafna terturi. Ix-xogħol miexi sew, u suppost ser ikun lest sal-aħħar ta' Ġunju. Qalet li ser isiru pjanti biex jixxebilku mal-fence li ser ikun hemm biex l-akwata tissebbaħ.<br>• Kellu jinbeda proġett żgħir fil-bidu ta' Vjal il-Blue Grotto u għalkemm il-Kunsill ilu imwiegħed li ser isir għadu ma sar xejn. Is-Sindku qalet li ftit ġimgħat ilu tkellmet mal-Perit ikkonċernat u ser terġa titkellem miegħu biex tfakkru.<br>• Hawn ħafna djar abbandunati li qed ikerħu r-raħal. Anke il-ġemb tal-knisja arċipretali tinsab fi stat ħażin. Kien hemm qbil li dawn huma propjetajiet privati u l-Kunsill ma jistax jagħmel xogħol fuqhom. Hi saħqet li bħala Kunsill għandna naraw li dawn id-djar tal-village core jiġu miżmuma tajjeb.<br>• Is-Sindku qalet li kellmet ukoll lill-Arċipriet kemm fuq ir-restawr tal-Knisja u anke taċ-ċimiterju għax it-tnejn għandhom bżonn manutenzjoni.<br>• Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li dawn il-propjetajiet huma eyesore kbir għar-raħal. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 23.4.6 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li sqaq fi Triq il-Kbira ingħalaq b'gate u min għalqu qed juża l-isqaq bħala garage. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kiteb diversi drabi lill-Lands, imma baqa mingħajr risposta. Kien hemm qbil li minħabba li l-Kunsill ma irċieva xejn, għandha tintbagħt email lill-Ministru kkonċernat.<br><br>F'dan il-ħin il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia ħareġ mis-seduta (18:50) |
| | | |
| 23.4.7 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia :<br>• talab li hemm bżonn li titkompla t-tisqija tal-pjanti ta' Wied Fulija qabel ma jitlesta x-xogħol tal-irrigation. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kuntrattur mhux ser jibqa jiġi kull nhar ta' Ħadd isaqqi għax infurmha, li l-Ħadd ma jkunx xogħol u kull darba jkollu jiġi biex jaqdina.<br>• faħħar lill-Kunsilliera Marisa D'Amato għall-Cat Cafe u lill-Kunsillier Joseph D'Amato u lill-Onor. Owen Bonnici li bdew fuq l-inizjattiva tar-restawr tat-Torri tal-Wardija.<br>• Nenfasizzaw biex fil-ġonna kollha jkun hemm il-metre tal-ilma, minħabba t-tisqijia.<br>• waqt il-laqgħa li hu u s-Sindku kellhom mas-Sur Ramon Deguara talab li jissewwa il-ħajt ta' Triq il-Wied fejn saret bankina ġdida.<br>• l-kuntrattur li jieħu ħsieb is-soft areas u l-ġonna, mhux qed jagħmel xogħlu sew u hemm bżonn li jitwaqqaf. Hu żied jgħid li fiż-Żurrieq la hawn fjuri, la ssir tisqija fil-ġonna u lanqas sar żbier fejn hemm permessi li jsiru. Il-Kunsillier Marisa D'Amato semmiet pjanti li jistgħu jitħawlu u li jdumu ħajjien. Kien hemm qbil li tintbgħat twissija lill-Kuntrattur, fejn jiġi nfurmat li din hi l-aħħar twissija u li jekk fi żmien ġimgħa, ma jitħawlux fjuri fil-ġonna u soft areas u jinżabar dak li kien imwissi li jinżabar u ma issirx tisqija, il-Kunsill ser ikun kostrett li jwaqqaf il-kuntratt fl-immedjat. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li tisqija ta' siġar ġodda li xtara l-Kunsill għal Triq il-Wied u Triq il-Barrieri saret ftit li xejn u dawn is-siġar qed jissugraw li jmutu bħal ta' qabilhom. Hu qal li l-Kunsill għandu bżonn joħroġ tender separat għat-tisqija. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet biex nieħdu ħsieb ir-roundabout ta' Vjal ix-Xarolla. Is-Sindku qalet li tkellmet ma' Parks Malta u aċċertawa li ser jieħdu ħsiebha. |
| | | |
| 23.4.8 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal li:<br>• din il-Ġimgħa hu flimkien mas-Sindku taw żewġ iPads fil-librerija għall-persuni neqsin mid-dawl.<br>• l-app fuq iż-Żurrieq kważi tlestiet, fadallha xi xogħol żgħir biex tinħareġ bl-Ingliż ukoll. |
| | | |
| 23.4.9 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• li l-persuna li ittajjar l-għasafar f'Wied iż-Żurrieq jixtieq jibda jtajjar l-għasafar f'Wied Fulija. Talab li l-Kunsill jġib permess minn WasteServ biex isir dan. Il- |

| | | |
|---|---|---|
| | | Kunsillier Marisa D'Amato qalet li l-Bird Life talbet ukoll biex trabbi l-għasafar f'Wied Fulija u tajr ieħor kbir fl-akwata jaf ikun ta' periklu għall-għasafar tal-Bird life. Il-Kunsillier Marisa D'Amato qalet li barra l-persuna li qed tissemma taf persuni oħra li jixtiequ jagħmlu dan ix-xogħol.<br>• Kien hemm qbil li l-Kunsill jgħaddi lill-Wasteserv l-ismijiet ta' dawk li qed jitolbu, għall-approvazzjoni tagħhom.<br>• il-Kunsill għandu jibgħat reminder lill-TM fuq permess ta' raised hump fi Triq San Martin u fuq il-bollards ta' Triq Santa Katarina.<br>• Intalbet sleeping policeman fi Triq Ħal Far. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet biex tinġabar petizzjoni mir-residenti jew sidien tal-għelieqi ta' fejn qed tintalab li titwaħħali tali sleeping poiceman. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ma jarax il-bżonn għax għelieqi biss hemm fejn mitluba u ma jħossx li s-sidien għadhom joġġezzjonaw. Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' TM mingħajr ma jiffirmaw petizzjoni sidien tal-għelieqi u jekk hemm xi residenti tal-viċin. |
| | | |
| 23.4.10 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici semma:<br>• biex fejn ir-ruins tal-baqqari, jsir xi tip ta' embellishment bil-bankijiet. Kien hemm qbil li s-Sindku titkellem mal-Ministeru.<br>• Fi Triq Hal Far ikun hemm ipparkjati żewġ scammels u jeħtieġ li tali scammels ma jibqgħux jiġu ipparkjati fit-toroq. Kien hemm qbil li jsir rapport. |
| | | |
| 23.4.11 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• fi Triq Wied Babu hemm bżonn ta' refresh tal-marki tat-toroq.<br>• talab li jsiru flexible bollards bejn Triq Wied Babu u Triq il-Kanġu biex il-vetturi jżommu l-karreġġjata tagħhom. Il-Kunsillier Marisa D'Amato ssuġġeriet cat's eyes minflok bollards. Kien hemm qbil li jsiru cat's eyes.<br>• Sqaq l-Imdawwar biex jissewwa. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Kenniesa fiż-Żurrieq hawn ftit. Is-Sindku qalet li tar-Reġjun Nofsinhar ser jagħtina żewġ ħaddiema biex iservu ta' kenniesa u intalbet ukoll l-għajnuna ta' Clean Malta fuq dan.<br>• Triq il-Wied iż-Żurrieq, il-Kunsill kien talab biex isir xi ħaġa biex it-triq ma tibqax tiżloq. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jibgħat reminder.<br>• Biex issir playing field ġo art abbandunata qabel tidħol għal tal-ħniena. Ma kienx hemm qbil għax l-akwata hi diżabitata. F'dan il-ħin il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa li jsiru l-iBins fl-akwata. Ħadd ma għadda kumment. |
| | | |
| ***23.5*** | | **Rapporti** |
| 23.5a | | Ġie approvat ir-rapport finanzjarju tal-ewwel kwart. |
| | | |
| **23.6** | | **Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| | | |
| ***23.7a*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 23.7a.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti minn residenti:<br>• Biex issir sleeping policeman fi Triq l-Imqabba qabel iddur għall-Ħal Millieri fejn salib it-toroq. Qbil li ssir stop marking.<br>• Residenta minn Triq Vincenzo Caruana qed titlob li Triq Hal Far issir b'direzzjoni waħda biex jitnaqqas in-noise pollution u fl-istess ħin trid sleeping policeman. Meta ġiet mitluba biex iġġib l-approvazzjoni tal-ġirien biex issir sleeping policeman ma aċċettatx. Ma kienx hemm qbil fuq dan. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jinsisti ma' TM biex ma jgħaddux trakkijiet minn Triq il-Pluvieri lejn iż-Żurrieq fiż-żewġ direzzjonijiet.<br>• Din is-sena ser jiskadi il-kuntratt tal-isports li l-Kunsill għandu maż-Żurrieq FC Youth Nursery – fuq attivitajiet sportivi. U dak ma' Zurrieq Wolves ASC biex it-tfal Żrieraq ikollhom access għad-dixxiplini sportivi varji. Kien hemm qbil li jsir tiġdid taż-żewġ kuntratti għat-tliet snin li ġejjin – 2022, 2023, 2024.<br>• Il-Kunsill qed jiġi mitlub biex jinnomina persuna biex tingħata rikonoxximent talli ħadment volontarjament fil-qasam soċjali matul is-sena 2020. Kien hemm qbil li l-Kunsill jinnomina lis-Sindku tal-Kunsill tax-xogħol volontarju li ilha tagħmel.<br>• Il-Kunsill qed jintalab li jagħmel attivita qasira bejn it-12 u 13 ta' Ottubru fl-okkażjoni taż-żjara tal-Queen's baton li ser tinkludi messaġġ mill-Majesta tagħha ir-Reġina. Ma kienx hemm qbil.<br>• L-assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali laħqet ftehim ma' kumpanija ta' assigurazzjoni li tinxurja anke lill-persuni ta' bejn is-66 u 70 sena, bil-kundizzjoni li jġibu dikjarazzjoni mingħand it-tabib li jinsabu b'saħħithom. Din ser tkun tiswa 340Euro għal kull persuna. Kien hemm qbil li jitħallas l-ammont tal-Kunsilliera b'tali eta.<br>• Biex it-triq li minn fejn Villa Blanche tieħdok għal fejn Villa Katarina ssir one way. Din triq dejqa u meta tkun għaddejja vettura u issib vettura oħra ġejja mid-direzzjoni l-oħra, vettura minnhom ikollha treġġa lura għal tul it-triq kollha. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Resident minn Sqaq San Tumas qed jitlob għal bollard mal-faċċata tiegħu minħabba l-problema li vetturi kbar qed joborxu l-faċċata tad-dar tagħha.Kien hemm qbil<br>• Resident ġdid fi Triq Bronja k/m Triq San Mikiel qed jitlob li titneħħa ż-żebra crossing ta' quddiem ir-residenza tiegħu jew jingħata permess li hu jkun jista jipparkja quddiem il-garage tiegħu stess li jinsab ftit metri bogħod mir-residenza tiegħu. |
| | | |
| 23.7a.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kumpaniji Refablightblue Partnership (l-istess kumpanija li bħalissa għandha skips blue għall- reċiklaġġ tal-ħwejjeġ ) u AM Brothers Limited (kumpanija simili) qed jitolbu biex jinstallaw reċipjenti għall-kollezzjoni ta' konsum ta' żejt tal-ikel, fejn bħalissa hem mir-reċipjenti tal-ħwejjeġ. Kien hemm qbil li l-Kunsil jagħti permess lill-Kumpanijia Refablightblue biex fil-lokal ikun hawn kumpanija waħda li tagħmel reċiklaġġ.<br>Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu servizz tal-kumpanija Refablightblue . |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| **23.8b** | | ***Jum iż-Żurrieq 2021*** |
| 23.8b.1 | | Dan il-punt tqajjem f'punt 23.3.6. |
| | | |
| ***23.8*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA ANNWALI, TAR-REĠJUN NOFSINHAR, TAL-GALXLOKK u TAL-ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 23.8.1 | | Ġew approvati l-minuti tr-Reġjun Nofsinhar laqgħa numru 46.<br>Ġew approvati ukoll il-Minuti tal-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali numru 43. |
| | | |
| ***23.9*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 23.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 3** għall-ammont totali ta' **€131,255.99**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima u l-kunsilliera Marisa D'Amato u Kyle Mifsud. |
| | | |
| ***23.10*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 23.10.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:30. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 30 Ġunju 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 30 ta' ĠUNJU, 2021

IFFIRMAT IFFIRMAT

Rita Grima
**Sindku**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**